MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Numru. 16/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

v

**GEORGE MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GEORGE MICALLEF** bin Anthony u Michaelangela nee Formosa, imwieled nhar l-hdax ta' Ottubru 1948 u residenti 47, Triq Ghajn Qatet, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 81648G gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Ghawdex, b'diversi azzjonijiet u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn d-disgha w ghoxrin

ta’ April 2000 u l-erbgha w ghoxrin ta’ Jannar 2004, bhala sid tal-fond ‘Lenza Farm’ sitwat fi Triq San Leonardo, Rabat, Ghawdex, u bhala persuna li fuqha huwa registrat l-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b’mezzi qarrieqa li bihom seta’ kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan il-kurrent elettriku jew li bihom setghet twaqqaf jew tbiddel l-kejl jew marker, ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq jammonta ghal elf tlett mija erbgha w sittin lira maltin, liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz u bil-valur;

Talli ghamel hsara fuq il-proprjeta tal-Korporazzjoni Enemalta [fuq l-istess meter] ghad-dannu tal-istess Korporazzjoni Enemalta liema hsara tammonta ghal sittin lira maltin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra l-piena stabbilita, f’kaz ta’htija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlieta ta’ Mejju 2006 [fol 66] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.
Semghet lil imputat jiddikjara, fis-seduta ta' nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Ottubru 2006 [fol 78] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Rat il-process verbal redatt mill-Magistrt Dottor Paul Coppini esibit fl-atti [fol 35et seq].

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta’ Settembru 2005 **xehed PS 567 Teddy Bajada** [fol 10] w esibixxa l-okkorrenza mehuda minnu stess nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Jannar 2004,

liema okkorrenza hija mmarkata bhala dokument PS [fol 11].

Minn ezami tal-istess jirrizulta li Peter Paul Cauchi bhala principal technician mal-Korporazzjoni Enemalta, irrapporta li kien ghadu kif gie mgharraf minn Felix Mifsud fil-kapacita tieghu ta' linesman mal-istess korporazzjoni, li kien ghadu kemm ghamel spezzjoni gewwa farm tal-baqar fi Triq San Leonardo, Victoria u sab li l-meter tal-ghamla Iskra T-36E2 kien qed jahdem normali u jirregistra l-konsum tal-elettriku pero kien hemm xi rregolaritajiet fil-case tieghu tant li kien hemm xaqq, kien bla sigilli homor w in oltre, ma kienx imwahhal sew mal-hajt.  Illi huwa nforma lil Ispettur Maurice Curmi dwar dan u l-meter gie elevat mill-espert mahtur mill-Qorti, Dottor Kevin Monpalao waqt l-inkjesta.

Minn investigazzjoni preliminari mizmuma minnu rrizulta wkoll li l-imputat kien cempel lil electrician privat tieghu ghaliex kellu xi hsara fis-servizz tal-elettriku u gie stabbilit li l-hsara kienet fis-service box tal-Enemalta.

Il-Qorti nnutat wkoll dak li kiteb dan x-xhud fl-okkorrenza u cioe li "it is to be pointed out that the said wooden board was dislodged probably damaged accidentally and that the same wooden board was dislodged due to rain water seeping from the roof.  This caused the screw to corrode and give way.  The wooden board was rotten due to wetness."

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2005 **xehed PS 261 Raymond Caruana** [fol 13] fejn qal li huwa rcieva rapport li gewwa l-farm bl-isem 'Lenza' sitwat fi Triq San Leonardo, kien qed isir xi tbaghbis fil-meter.  Huwa jghid li mar jaghmel spezzjoni fuq il-post u sab li l-meter kellu zewg sigilli homor neqsin, kien maqlugh minn postu u misjub ta' taht fuq.  Fil-fehma tieghu l-meter kien imwahhal fuq bicca njama u din inqalghet minn postha minhabba li kien deher xi ilma wara l-injama w ghalhekk jghid ex admissis "kollox kien imdendel".  Ikkonferma li l-injama kienet mxarrba u danneggjata.  Jghid wkoll li probabilment, meta l-injama inqalghet minn mal-hajt, l-

meter habat ma x’imkien u l-hgiega nkisret. Jghid wkoll li pero il-meter kien qed jirregistra konsum b’mod normali.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta’ April 2004 quddiem l-espert nominat fl-inkjesta **xehed Raymond Camilleri** [fol 60] u qal li huwa gie msejjah fuq il-post in dezamina biex jinvestiga meter irregolari. Spjega li fuq il-post innota li l-meter kien three phase, kien sitwat f’nofs maqjel tal-baqar u kien mahmug hafna. Iddeskriva l-injama li fuqha strah il-meter bhala dik li kienet maqlugha minn mal-hajt u l-meter kien litteralment imdendel rasu ‘l isfel jzomm fuq il-wires tieghu. Is-sigilli l-homor kienu neqsin u fuq il-cover tieghu kien hemm xi ksur.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ April 2004 quddiem l-expert nominat fl-inkjesta **xehed Pierre Cauchi** [fol 59] u viva voce l-Qorti nhar l-ewwel ta’ Gunju 2006 [fol 70] fejn qal li hu ufficjal tekniku mal-Korporazzjoni Enemalta w ikkonferma li fuq il-post kien mar ma Raymond Camilleri w ikkonferma wkoll dak kollu li qal l-istess Raymond Camilleri.

Illi nhar d-disgha ta’ Frar 2004 quddiem l-expert nominat fl-inkjesta **xehed Raymond Camilleri** [fol 58] u qal li r-razzett fejn instab il-meter jappartjeni lil imptuat u li hu jahdem u jghin lil huh fl-istess razzett. Ikkonferma li l-meter kien ilu zmien imwahhal fejn kien fil-maqjel tal-baqar. Spjega li l-meter inqala minn post w iddendel proprju dakinhar meta saret l-inkjesta ghaliex fil-fatt appena inqala minn postu, inqata d-dawl u l-imputat ghamel rapport lil Korporazzjoni Enemalta. Qal li l-meter kien qrib mizieb tal-ilma u kien ghalhekk li l-injama tqactet. Qal li hu kien kellem lil xi hadd tal-Korporazzjoni Enemalta xi zmien qabel u talbu biex ibiddel l-meter izda hadd qatt ma kien mar jaghmel dan.

Illi l-Magistrat Inkwerenti, b’digriet tieghu tal-erbgha w ghoxrin ta’ Jannar 2004, kien innomina lil Dottor Kevin Monpalao sabiex bhala espert fl-elettriku, jirrelata fuq l-fatti li jirrizultaw lilu u nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Awissu 2004, huwa kien ippresenta r-relazzjoni tieghu quddiemu fl-atti tal-inkjesta [fol 40].

Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li l-meter twahhal f’post fil-maqjel minn membri tal-Korporazzjoni Enemalta kontra r-regolamenti bazici ta’ kull safety strandards. Dan tpogga f’nofs maqjel u vicin mizieb u kien ghalhekk, minhabba l-ilma li nqaleb razu ‘l isfel. Il-meter kien wkoll iggammjat izda dan kien kollu minhabba l-hmieg ambjentali w ix-xquq fil-gnub tal-meter, fil-fehma tieghu t’esperjenza, x’aktarx li saru meta l-meter inqaleb rasu ‘l isfel. Qal pero li x’aktarx li s-sigilli l-homor inqalghu minn xi hadd u mhux tmermru maz-zmien jew minhabba fatturi ambjentali. Fil-fehma tieghu l-hsara tammonta ghal sittin lira maltin peress li mhux vijabbli li jitranga l-istess meter. Dottor Kevin Monpalao rega’ xehed l-Qorti nhar l-ewwel ta’ Gunju 2006 w ikkonferma dak kollu li rrelata dwaru fir-relazzjoni tieghu.

Illi nhar l-erbatax ta’ Novembru 2006 **xehed l-imputat minn jeddu u b’mod voluntarju** u spjega li huwa ilu bil-baqar ghal zmien twil. Spjega li dakinhar tal-access kienet hafna xita u marret s-salva vita u meta mar hdejn il-meter, sabu mdendel taht mizieb u l-ilma kien niezel fuq l-injama ta’ l-arlogg. Huwa mar jaghmel rapport fl-ufficju tal-Korporazzjoni Enemalta. Huwa gie muri r-ritratti esibiti fl-atti w ikkonferma li dawk kienu r-ritratti tieghu. Huwa hallas s-somma ta’ elf lira w inghatalu lura d-dawl mill-Korporazzjoni Enemalta. Qal li hu ma jaf jaghmel xejn, lanqas musmar mal-hajt ma jaf iwahhal. Ikkonferma li qatt m’ghamel xejn fid-dawl.

Ikkunsidrat:

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova, li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf**

**jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputati fuqhom. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni imsemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Propjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputat ikun d-detentur jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputat li allura jkollu jipprova hu li ma kienx jaf jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti.

Illi l-Qorti hija moralment konvinta mill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat u m‘ghandhiex dubbju li hu ma kellu xejn x’jaqsam mal-istess ta’ kif kien instab l-meter mill-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta dakinhar tal-ispezzjoni w ghalhekk b’dak li qal l-istess imputat viva voce l-Qorti huwa rnexxielu jgheleb l-presunzjoni kontra tieghu fuq riferuta bhala registered consumer w ghalhekk qed taccetta dak li qal. Ma hemmx dubbju li l-imputat ma kellux kontroll fuq dak li effettivament gara.

**Il-Qorti ghalhekk minhabba dak premess, tara li l-imputazzjonijiet ma gewx ippruvati b’mod sodisfacenti fil-konfront tal-imputat GEORGE MICALLEF u tiddikjara li ma ssibux hati u tilliberah minn kulll imputazzjoni u htija.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li l-imputat m’instabx hat ital-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------